MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 99/2001/1

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Dismar Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar, 2001 is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta`

konvenuta; illi l-bilanc tal-prezz dovut ghall-bejgh ta' din il-merkanzija jammonta ghal elfejn, mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (LM2,276.33); illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-imsemmija somma ta' elfejn, mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (LM2,276.33); illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; illi dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma taghha s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' LM2,276.33;
2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2000, u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru, kontra s-socjeta` konvenuta, li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

B'digriet tal-11 ta' Gunju, 2001 is-socjeta` konvenuta nghatat il-fakolta` li tikkontesta t-talbiet attrici u b'nota pprezentata fid-19 ta' Gunju, 2001 eccepiet:-

1. Illi l-ammont pretiz huwa preskritt u dan ai termini tal-ligi.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet tas-socjeta` attrici huma infondati bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza peress illi l-ammont mhuwiex dovut.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza ppronunzjata fit-12 ta' Ottubru, 2004 meta dik il-Qorti qalet hekk:-

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:

"Filwaqt li **tastjeni milli tqis it-tieni talba attrici** u dan fid-dawl tad-degriet moghti fil-11 ta' Gunju, 2001;

"**Tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-kumpannija mharrka u tiddikjara li l-kawza tressqet fi zmien utli;

"**Tilqa' l-ewwel talba** limitatament ghall-ammont ta' elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (LM1276.32) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' diversi konsenji ta' merkanzija mibjugha u konsenjati lill-kumpannija mharrka, u ghalhekk tikkundanna lill-istess kumpannija thallas l-imsemmija somma lill-kumpannija attrici; u

"**Tordna** li fic-cirkostanzi, l-kumpannija mharrka ghandha thallas sittin fil-mija (60%) tal-ispejjez tal-kawza, u l-kumpannija attrici thallas l-erbghin fil-mija (40%) li jifdal."

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"Illi din hija azzjoni ghal hlas ta' bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha. Il-kumpannija attrici tghid li l-kumpannija mharrka ghandha tghatiha somma li tirraprezenta bilanc ta' l-ahhar minn ghad ta' konsenji li kienet ghamlet lil u fuq talba tal-kumpannija mharrka. Il-kumpannija attrici kienet stqarret li l-bilanc dovut hu wiehed cert u dovut u li l-kumpannija mharrka ma kellha l-ebda raguni tajba biex ma thallasx dak minnha mitlub;

"Illi l-kumpannija mharrka kienet ta' fehma ohra u, ghal din l-azzjoni, laqghet billi qalet li d-dejn mitlub jinsab preskritt, u fil-mertu, billi l-ammont mitlub mhux dovut.

"Illi l-<u>fatti ewlenin</u> li johorgu mill-atti juru li l-kumpannija attrici kien ilha snin tforni lill-kumpannija mharrka b'konsenji regolari ta' merkanzija bl-ingrossa ghall-bejgh fi hwienet li din ta' l-ahhar kellha f'inhawi f'Malta, fosthom fil-Mosta u San Pawl il-Bahar. Kien hemm hames kontijiet kurrenti miftuhin dwar il-konsenji li kienu jsiru fuq talba tal-kumpannija mharrka[1]. Il-kumpannija attrici waqfet tforni lill-

[1] Numri 73649, 73650, 73651, 73652 u 73653

kumpannija mharrka f'Lulju tal-1999[2]. Jirrizulta li l-kumpannija mharrka wettqet hlasijiet akkont sa Dicembru tal-1999[3], u mbaghad waqfet thallas izjed. Il-kawza nfethet f'Jannar tal-2001;

"Illi ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-Qorti tinnota li l-kumpannija mharrka, lejn l-ahhar tal-kawza, fissret li l-preskrizzjoni li fuqha kienet qeghda ssejjes l-eccezzjoni preliminari taghha kienet dik ta' hames snin, kif imsemmi fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Fis-sewwa jinghad ukoll li, waqt it-trattazzjoni tal-gheluq, l-abbli difensur tal-kumpannija mharrka stqarr li l-patrocinata tieghu kienet biss qeghda tistrieh b'mod sussidjarju fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghaliex l-eccezzjoni ewlenija taghha (fil-mertu) kienet dik li kull ammont minnha dovut kien imhallas;

"Illi huwa mghallem li l-*exceptio soluti* u l-eccezzjoni li l-kawza tressqet wara zmienha (jigifieri preskritta) ma jitfux lil xulxin bhala eccezzjonijiet inkompatibbli[4]. Madankollu, l-eccezzjoni tal-hlas tista` sservi biex twaqqa dik tal-preskrizzjoni[5]. Dan isehh billi l-hlas, jekk ippruvat, huwa wahda mir-ragunijiet mahsuba mil-ligi biex tikser iz-zmien tal-preskrizzjoni[6];

"Illi, fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, il-kupannija mharrka tghid li hallset kulma kellha thallas lill-kumpannija attrici li tghid ukoll li dak li qeghda tintalab thallas imur lura zmien twil hafna. Is-siwi ta' dawn l-argumenti jiddependi hafna mill-ghamla ta' negozju li kien hemm bejn il-partijiet. F'dan il-kaz, il-kumpannija attrici tghid li hija tforni lill-kummercjanti provvisti ta' merkanzija bl-ingrossa;

"Illi biex wiehed jasal halli jiddetermina jekk bejgh sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wiehed ghandu jhares lejn il-

---

[2] Xhieda ta' Marvin Sapiano 24.10.2001, fpagg. 105-6 u Dok "MS3", f'pag. 142 tal-process
[3] Dok. "MSA", u Dok "MSB", f'pagg. 186 u 192 tal-process
[4] App. Inf. **7.1.1939** fil-kawza fl-ismijiet **Caruana vs Spiteri** (Kollez. Vol. **XXX.i.964**)
[5] App. Inf. **2.6.2003** fil-kawza fl-ismijiet **Mario Lapira vs C.& A. Company Ltd.**
[6] Art. 2134 tal-Kap 16

bejgh partikolari u l-ghamla tieghu[7]. Naturalment, biex bejgh jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgh kien wiehed maghmul lil konsumatur ghall-uzu personali tieghu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgh bl-imnut jingharaf minn bejgh bl-ingrossa billi f'dan ta' l-ahhar il-bejgh isir lix-xerrej li jkun sejjer jaghmel negozju bi jew minn fuq il-haga mixtrija[8]. Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minhabba li grossista jista' jaghmel bejgh bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummercjant iehor[9];

“Illi f'kaz fejn in-negozju bejn il-partijiet ma jkunx limitat ghal semplici operazzjoni ta' bejgh u xiri (kif isir f'bejgh bl-imnut) imma jkun hemm elemment ta' negozjati dwar kwalita` tal-haga mibjugha, dwar il-konsistenza taghha, dwar il-kapacita` taghha biex tilhaq l-ghanijiet tax-xerrej, u jkun hemm ukoll l-ghoti ta' pariri u stimi, wiehed jista' jghid li jkun hemm indoli ta' bejgh bl-ingrossa u mhux bl-imnut[10];

“Illi huwa stabbilit ukoll li arrangament ta' bejgh bl-ingrossa ma jsirx wiehed bl-imnut ghar-raguni wahedha li l-konsenji ma jsirux f'daqqa, ghaliex huwa n-negozju globali li jwassal biex wiehed jiddeciedi taht liema kategorija ghandu jigi klassifkat il-bejgh[11]. Mill-ezami tad-dokumenti mressqin fl-atti tal-kawza, il-Qorti ma jifdlilha l-ebda dubju li l-arrangament bejn il-kumpannija attrici u dik imharrka kien wiehed ta' bejgh bl-ingrossa taht sistema ta' kont kurrenti;

“Illi ghar-rigward tal-preskrizzjoni msemmija mill-kumpannija mharrka, jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin “preskrizzjonijiet qosra”. Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din

---

[7] P.A. **25.4.1964** fil-kawza fl-ismijiet ***Delia noe vs Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol. **XLVIII.ii.959**

[8] Kumm. **5.6.1951** fil-kawza fl-ismijiet ***Cini vs Debono*** (Kollez. Vol. **XXXV.iii.613**)

[9] Ara, per ezempju, App. Civ. **18.1.1993** fil-kawza fl-ismijiet **Fenech nos vs Camilleri** (Kollez. Vol. **LXXVII.ii.175**)

[10] App.Inf. **7.11.1997** fil-kawza fl-ismijiet **Fenech noe vs Medina Food Manufacturing Co. Ltd** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.121**)

[11] P.A. FD **17.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Alfen Trading Co. Ltd vs Arcidiacono Limited***

ghandha tinghata tifsira dejqa[12]. Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma “kreditu” tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma kull obbligazzjoni ta’ debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta il-kelma “kreditu” msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu[13]. Ta’ min jghid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta’ flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare;*

“Illi peress li l-preskrizzjoni “residwali” mahsuba taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suggetta ghall-interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta’ flus[14]. Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta’ krediti, jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus[15];

“Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi huwa maghruf li fil-kaz ta’ bejgh bl-ingrossa l-preskrizzjoni applikabbli hija dik mahsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Il-kreditu pretiz mill-kumpannija attrici huwa wiehed li jaqa’ fil-paramentri tal-krediti mahsubin fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici;

“Illi, madankollu, huwa mghallem li l-preskrizzjoni f’kaz ta’ azzjoni mibnija fuq kont kurrent ma tibdiex tghaddi qabel ma l-kont jigi likwidat[16], ghalkemm jinghad ukoll li – preskrizzjoni tapplika ghal kull partita ta’ dejn minkejja li

[12] Ara, per ezempju, Baudry-Lacantinerie et Tissier fit-*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile* (Vol. XXVIII, “Della Prescrizione” Par. 712)
[13] Ara P.A. GCD **9.11.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Naudi et vs Maltacom p.l.c.***
[14] App. Civ. **7.2.1949** fil-kawza fl-ismijiet ***Saliba et vs Grech*** (Kollez. Vol. **XXXIII.i.397**)
[15] P.A. **19.10.1954** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud vs Pullicino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.588**)
[16] Kumm. **12.3.1934** fil-kawza fl-ismijiet ***Callus vs Psaila*** (Kollez. Vol. **XXVIII.iii.277)**

tkun taghmel parti minn servizz kontinwu[17]. F'kull kaz, iz-zmien ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' hames snin[18];

"Illi jekk wiehed iqies li l-ahhar konsenji lill-kumpannija mharrka sehhew f'Lulju tal-1999, bl-ahhar hlas isir min-naha tal-kumpannija mharrka f'Dicembru ta' dik l-istess sena, ma jistax ikun li kien lahaq ghadda z-zmien preskrittiv ta' hames snin meta nfethet il-kawza, ukoll jekk ma saret l-ebda interpellazzjoni gudizzjarja fil-frattemp, u dan ghaliex il-kawza nbdiet f'Jannar tal-2001;

"Illi ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'hijiex sejra tintlaqa';

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet dwar it-talba attrici fil-mertu l-Qorti ssib li dik li kellha tkun kwestjoni semplici ta' talba ghall-hlas bla ebda difiza, spiccat biex infirxet f'ezercizzju mwiegher ta' figuri u dokumenti. Mid-dokumenti mressqin miz-zewg nahat johrog li kien hemm bejniethom nuqqas ta' koerenza fil-mod kif iqabblu t-taghrif li kellhom dwar in-negozju ta' bejniethom li wassal ghal hafna kwestjonijiet bejniethom;

"Illi huwa dejjem id-dmir ta' min jallega li jipprova dak li jallega u dan japplika b'aktar qawwa f'dan il-kaz. M'huwiex xoghol il-Qorti li tidhol f'ezercizzju biex tgharbel volumi ta' xhieda li l-partijiet jitfghu f'hogorha halli minnhom taghzel fejn dik il-parti ghandha ragun u fejn il-parti l-ohra ghandha tort. Xoghol il-Qorti huwa li, mill-provi rilevanti li jitressqu quddiemha, hija tizen is-siwi tal-argumenti mtella' minn kull parti b'difiza tal-kaz taghha;

"Illi l-Qorti tqis li min-naha tal-kumpannija attrici johrog li, sa ftit zmien qabel ma fethet il-kawza, kienet uriet li kellha xi diffikulta` dwar l-ammont li kienet qeghda tippretendi minghand il-kumpannija mharrka. Ghalkemm kienet tghid kostantement li l-kumpannija mharrka kienet debitrici

[17] Art. 2151(1) Kap 16 u App. Kumm. **16.2.1914** fil-kawza fl-ismijiet ***Borg vs Bartoli et*** (Kollez. Vol. **XXII.i.317**)
[18] App.Inf. **7.11.1997** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech noe vs Medina Food Manufacturing Co. Ltd.*** (Kollez. Vol. **LXXXI.ii.1121**)

taghha, l-ammont mitlub kien, ghal raguni jew ohra, ivarja. Min-naha l-ohra, ghalkemm illum il-kumpannija mharrka tghid li hallset kollox, hemm provi li juru li kien ghad kellha xi dejn mhux imhallas mal-kumpannija attrici u dan wara li kienet wettqet l-ahhar hlas akkont[19]. Ghall-hlas ta' tali dejn kien intrabat li jhallas certu Joseph Vella[20]. Il-kumpannija mharrka tindika wkoll li xi fatturi addebitati lilha bid-data ta' wara d-9 t'Ottubru 1999, ma jikkoncernawhiex "*due to sale of company*"[21].

"Illi fil-kaz prezenti, il-kumpannija mharrka qanqlet ukoll il-kwestjoni li, fi kwalunkwe kaz, kienet il-kumpannija attrici nfisha li, meta harget l-ircevuti tal-hlasijiet, iddikjarat li tali hlasijiet kienet qeghda taccettahom ghas-saldu. Minbarra dan, hija tixli wkoll lill-kumpannija attrici b'nuqqasijiet ohrajn bhal dik fejn tghid li xi konsenji ta' merkanzija kienu konsenjati fi stabiliment iehor fil-qrib li kellu isem jixxiebah u ta' dawn xorta wahda qeghda tippretendi l-hlas minghand il-kumpannija mharrka. L-istess bhal meta tallega li hlasijiet li kienet twettaq ma gewx riflessi fis-*sales ledger* tal-istess kumpannija attrici.

"Illi dwar kif gie meqjus il-hlas, il-Qorti taghmel riferenza ghar-ricevuti mahrugin f'Dicembru tal-1999[22] u tinnota li, ghall-kuntrarju ta' dak li tghid il-kumpannija mharrka, il-hlasijiet ma sarux ghas-saldu, imma "on account of final balance". Ma ntweriet l-ebda ricevuta li kienet fis-sewwa tghid li kien qieghed isir u kien qieghed jigi accettat hlas ghas-saldu. Lanqas ma ntwera li xi hlas kien mibghut minghand il-kumpannija mharrka bhala hlas ghas-saldu. Ghalhekk, l-argument tal-kumpannija mharrka ma jistax iriegi;

"Illi l-istess haga tinghad dwar il-kwestjoni ta' konsenji maghmula f'hanut iehor u mhux f'hanut tal-kumpannija mharrka. Mill-atti processwali ma jirrizulta xejn minn dan izjed minn allegazzjoni, li m'hijiex prova tajba bizzejjed biex tohloq stat ta' fatt;

---

[19] Ara per ezempju, d-dokument esebit mill-kumpannija mharrka f'pag. 215 tal-process
[20] Dok. "MS2", f'pag. 33 tal-process
[21] Ara, dokumenti f'pagg. 215 u 241 tal-process
[22] Dokti "GS3" u "GS4", datati 22.12.1999, f'pagg. 170 u 178 tal-process

"Illi, madankollu, dwar kif il-kumpannija attrici akkreditat il-hlasijiet jew kif zammet (jew naqset li zzomm) nota ta' *credit notes* mahrugin favur il-kumapnnija mharrka, jidher li l-kumpannija mharrka ghandha parti mir-ragun. Tali diffikulta` tidher li fixklet ukoll lir-rapprezentant (*credit controller*) Marvin Sapiano, ghall-kumpannija attrici, milli jkun jista' jasal f'rikonciljazzjoni ta' kif kien imqassam il-kreditu li hija kienet qeghda tippretendi fil-konfront tal-kumapannija mharrka[23]. Jista' jkun li kien minhabba f'hekk ukoll li, mal-att tac-Citazzjoni, il-kumpannija attrici ma ressqitx imqar nota jew prospett spjegattiv dwar kif kien maqsum l-ammont pretiz minnha fl-istess Citazzjoni;

"Illi, min-naha l-ohra, ladarba minn provi mressqa mill-kumpannija attrici nfisha[24] jirrizulta li l-kumpannija mharrka kienet qeghda tikkontesta l-ammont mitlub fic-citazzjoni, kien jaqa' fuq il-kumpannija attrici li tfisser car bizzejjed minn fejn kien jirrizulta dak l-ammont. Minn dak li tressaq quddiem il-Qorti f'din il-kawza, il-kumpannija attrici ma wrietx minn fejn jirrizulta l-imsemmi bilanc, u lanqas jinkwadra sewwa meta wiehed jghodd il-bilanci dovuti skond is-*sales ledgers* "aggornati"[25] u jnaqqas minnu il-hlas maghmul mill-kumpannija mharrka f'Dicembru tal-1999 kif jixhdu r-ricevuti mahruga mill-kumpannija attrici nfisha;

"Illi wara li l-Qorti rat b'reqqa l-provi mressqa u hadet qies tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet, tasal ghall-fehma li, fil-waqt li tressqet il-kawza, il-kumpannija attrici kienet kreditrici tal-kumpannija mharrka, imma mhux ghall-ammont mitlub fic-Citazzjoni. Mill-istess kalkoli fuq provi mressqa mill-istess kumpannija attrici, u wara li hadet qies tal-*credit notes* li ma gewx meqjusa mill-istess kumpannija attrici, il-Qorti tasal biex tiddikjara li l-ammont dovut mill-kumpannija mharrka lill-kumpannija attrici huwa ta' elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (LM1276.32)"

**L-appelli.**

[23] Xhieda ta' Marvin Sapiano 5.6.2003, f'pag. 212G tal-process
[24] Ara l-ittra datata 6.12.1999, f'pag. 33 tal-process
[25] Dokti. "MS3" u "MSC", f'pagg. 113 sa 145 u 200 sa 206 tal-process

Mis-sentenza fuq citata gew intavolati kemm appell principali mis-socjeta` konvenuta kif ukoll appell incidentali tas-socjeta` attrici. Bazikament il-kontendenti urew dispjacir ghall-mod kif l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha meta kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ridotta ta' LM1276.32 inkwantu qed jigi sottomess miz-zewg partijiet li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti kienet skarsa anzi naqset li taghti raguni ghal din il-likwidazzjoni. Kien ghalhekk li s-socjeta` konvenuta talbet li l-ewwel sentenza tigi revokata billi jigu michuda t-talbiet attrici, filwaqt li s-socjeta` attrici talbet li, prevja l-konferma ta' dawk il-partijiet fis-sentenza li kienu favur taghha, s-sentenza tigi riformata billi s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas l-ammont mitlub fic-citazzjoni, bl-imghax kif mitlub u l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:-**

L-aggravju principali u cioe` dak li jikkoncerna l-*quantum* likwidat, jidher li jammonta ghall-kritika ta' l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti. Anzi, kif inghad hawn fuq, l-assenza ta' tali apprezzament. Din il-Qorti izda, ezaminat bir-reqqa l-atti u l-provi kollha prodotti, kif ukoll l-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza appellata, u ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni tal-partijiet. Mill-istess konsiderazzjonijiet, infatti, jidher li, qabel ma waslet ghall-konkluzzjoni dwar l-ammont effettivament dovut, l-ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi jew tan-nuqqas ta' l-istess. Infatti, fil-parti konklussiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet hekk:

"Illi wara li l-Qorti rat b'reqqa l-provi mressqa u hadet qies tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet, tasal ghall-fehma li, fil-waqt li tressqet il-kawza, il-kumpannija attrici kienet kreditrici tal-kumpannija mharrka, imma mhux ghall-ammont mitlub fic-Citazzjoni. Mill-istess kalkoli fuq provi mressqa mill-istess kumpannija attrici, u wara li hadet qies tal-*credit notes* li ma gewx meqjusa mill-istess kumpannija attrici, il-Qorti tasal biex tiddikjara li l-ammont dovut mill-kumpannija mharrka lill-kumpannija attrici huwa ta' elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (LM1276.32)"

Din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi dikjarat mhux gustifikat u dan jinghad ukoll ghas-sottomissjoni konnessa maghmula mis-socjeta` konvenuta appellanti dwar l-interpretazzjoni ta' dak li gie dikjarat fid-diversi ricevuti rilaxxjati fit-22 ta' Dicembru, 1999 billi ukoll f'dan il-kaz, kull ricevuta necessarjament harget "**On account of final balance**" billi kull pagament rifless fl-istess ircevuti ma setghax kien hlief "**On account**" la darba kien hemm ammonti ohra li gew imhallsa dak inhar stess.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-imghax reklamat mis-socjeta` attrici jidher li l-fatt li dan ma ssemmiex fis-sentenza appellata kien lapsus ta' l-ewwel Qorti. Infatti fic-citazzjoni insibu talba ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta' l-imghax.

Fic-cirkostanzi tal-kaz u l-kumplessita` tal-konteggi li kellha taghmel l-ewwel Qorti biex tasal ghall-ammont finalment determinat, jidher li l-kreditu tas-socjeta` attrici la kien wiehed cert u lanqas likwidu, u konsegwentement l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel istanza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-talba tas-socjeta` attrici relatata ma' l-ispejjez tal-kawza din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi ta' dak li inghad hawn fuq fir-rigward ta' l-ammont dovut u likwidat, ghandha tvarja dak li jinghad fuq il-kap ta' l-ispejjez hekk kif deciz fl-ewwel sentenza. Ghal kuntrarju s-socjeta` attrici ghandha ukoll tbati parti mill-ispejjez ta' dan l-appell billi l-aggravju principali taghha gie michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti fl-ewwel lok tichad l-appell principali tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez kontra taghha; tirriforma s-sentenza appellata u b'hekk tilqa' in parte biss l-appell incidentali billi tordna li fuq l-ammont likwidat fis-sentenza appellata jiddekorru imghaxijiet mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.  L-ispejjez ta' l-appell

incidentali ghandhom jigu sopportati fil-proporzjon ta’ tlett kwarti mis-socjeta` attrici appellanti u fi kwota ta’ kwart mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------